# Arti u Xogħlijiet (1901 - 1938)

Lorenzo Zahra



F'dan l-artiklu wieħed isib tagħrif miġbur minn diversi ġurnali dwar xi opri ta' arti u xogħlijiet fostna, l-aktar fil-knejjes tagħna. Fejn kien possibbli aħna nagħtu importanza lill-awturi jiġifieri lil dawk li ħadmu dawn l-opri (fejn sibna). Fl-imgħoddi ftit kienet tingħata importanza lill-artisti li ħadmu x-xogħol, imma aktarx kienet tingħata importanza lil min iħallas.

Fejn stajt ikkwotajt il-ġurnal mnejn ġbart it-tagħrif u ma nirrapurtax dak li sibt, biżżejjed kelmtejn fil-qasir dwar l-opra, u naturalment min ikun irid aktar tagħrif għandu jfittex l-oriġinal.

Hawn issibu xogħlijiet tas-seklu għoxrin. Ħadd ma għandu jippretendi li ser isib kull opra li saret, għax ir-riċerki tiegħi kienu dwar suġġetti oħra u dawn iltqajt magħhom jien u għaddej u deherli li huma ta' interess.

Tul dan is-seklu saru tant opri fil-knejjes tagħna li trid volum sħiħ kieku kellek tiġbor tant xogħlijiet li saru u dan minkejja l-Gwerra li għamlitilna ħerba minn bosta opri, l-aktar fil-Kottonera.

***Is-Seklu Għoxrin***

1900 – *Gazetta Maltija* 21.iv.1900 – Saret bradella ġdida għal S. Publiju l-Furjana, xogħol ta' Pawlu Balzan ta' 73, Triq il-Kapuċċini. Saret ukoll sopraporta u Numeral irrakkmat tassew sabiħ.

1900 – *Portafoglio* 8.x.1910 – Saret Gallerija fil-Barakka ta' Fuq fil-Belt Valletta proġettata mill-Prof Lorenzo Gatt tal-Birgu.

1901 – *Malta Taghna* 3.viii.1901 – Saret fil-Ħamrun statwa ġdida ta' 'Malta' ta' Ċensu Cremona.

1901 – *Malta Taghna* 19.iv.1901 – Fil-Parroċċa S. Publiju l-Furjana għal artal ta' S. Lawrenz Levita Martri sar ventartal irrakkmat bid-deheb.

1901 – Saret l-istatwa tal-bronż ta' Kristu Sultan li ġiet imqiegħda f'Tal-Virtù r-Rabat. Illum tinsab fis-Seminarju Tal-Virtù.

1901 – *Malta Taghna* 19x.1901 – Għall-Knisja ta' San Franġisk, ta' Ġieżu, ir-Rabat, sar pulptu sabiħ disinn ta' Natu Falzon tal-Belt. Ħallset l-ispejjeż is-Sinjura Bugeja.

1901 – *Malta Taghna* 23.iii.1901 – Fil-Knisja ta' S. Franġisk, ta' Ġieżu, ir-Rabat, saru l-loppi għal-linef, xogħol ta' Karlu Darmanin.

1901 – *Malta Taghna* 31.viii.1901 – Għall-Parroċċa ta' S. Lawrenz, Għawdex, sar sett Appostli ta' Karlu Darmanin. Sar ukoll ostensorju, disinn u mudell ta' Franġisk Ellul tal-Birgu. Inġiebet Statwa tal-Qalb ta' Ġesù minn Franza. Fil-kor saru s-sedji xogħol ta' P. Falzon.

1901 - *Malta Taghna* 23.i.1901 – Sar ostensorju, disinn u mudell ta' Abram Gatt, Bormliż, għaż-Żurrieq b'relikwi ta' S. Katerina V.M.

1901 – *Malta Taghna* 15.iii.1901 – Jibdew jinbiegħu kartolini tal-Milied għand Cordina f'Bormla.

1901 – *Malta Taghna* 19.x.1901 u 14.xii.1901 – Fil-Parroċċa ta' Bormla sar ventartal tal-fidda, mudell ta' Abram Gatt u saru wkoll erba' gastri bil-granutell ta' Toni Grech minn Bormla.

1901 – *Malta Taghna* 3.viii.1901 – Qanpiena ġdida għal Knisja ta' Porto Salvo, il-Belt.

1901 – *Malta Taghna* 14.xii.1901 – Għall-Kolleġġjata ta' Bormla sar ventartal tal-fidda disinn ta' Abram Gatt.

1902 – *Malta Taghna* 2.viii.1902 – Saru żewġ fontijiet ta' l-ilma mbierek ġodda għall- Knisja ta' Portu Salvu, il-Belt.

1902 – *Malta Times* 12.ix.1902 – Xogħol fil-pavimenti ta' l-irħam fil-Palazz tal-Gvernatur mid-ditta Darmanin ta' Strada Levante.

1902 – *Daily Malta Chronicle* 22.i.1902 – Sar damask aħmar ġdid 'Tal-Palma' għal Kon-Katidral ta' San Ġwann.

1902 – *Malta Taghna* 5.iv.1902 – Għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Qormi saret bandalora kbira, xogħol ta' Ninu Fenech ta' Triq S. Luċija, il-Belt.

1902 – *Malta Taghna* 29.iii.1902 – Xogħol ta' dekorazzjoni tal-faċċata interna tal-Knisja tal-Kunċizzjoni, Bormla, xogħol ta' Zammit u skultura ta' Abram Gatt.

1902 – Fil-Parroċċa ta' S. Lawrenz f'Għawdex, Pawlu Bugeja ta' Strada Vescovo l-Belt ħadem is-sedji tal-kor.

1903 – *Malta Taghna* 13.ix.1903 – Sar damask tal-kanavazz mal-kolonni fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar.

1903 – *Malta Taghna* 7.ii.1903 – Għall-Parroċċa ta' Ħ'Attard, Carlo Darmanin jagħmel żewġ anġli bis-simboli Ewkaristiċi.

1903 – *Malta Taghna* 29.xiii.1903 – Standart sabiħ irrakkmat, xogħol ta' T. Fenech, ġie pprezentat lill-Banda King's Own mill-Banda S. Ġorġ ta' Ħal Qormi.

1903 – *Malta Taghna* 15.viii.1903 – Fil-Belt Vittoriosa saret il-bradella artistika għal S. Lawrenz, waqt li nġieb minn barra pedistall tal-fidda fuq konsulenza ta' l-Orefice Manfred Camilleri. Dan sar fuq disinn ta' F. Pace, mudell ta' Abram. Il-bradella, xogħol ta' Lorenzo Ruffini, Franġisk Azzopardi, Ġużè Costantino u Ġużè Zammit disinn ta' F. Pace.

1903 – *Malta Taghna* 13.vi.1903 – Standart sabiħ tal-papa għall-Banda Vincitrice ta' l-Isla, xogħol ta' Casingena u V. Caruana.

1903 – *Malta Taghna* 20.vi.1903 – Għall-Kolleġġjata ta' Bormla, Abram Gatt jagħmel statwa sabiħa ta' San Ġużepp.

1903 – *Malta Taghna* 15.viii.1903 – Fil-Knisja ta' S. Ubaldeska, Ir-Raħal Ġdid, isir l-artal ta' S. Ġużepp, disinn ta' Kelinu Degiovanni.

1903 – *Malta* 3.x.1903 – Kitba dwar is-Salib ta' l-Għolja li hemm fis-Siġġiewi.

1904 – *Malta Taghna* 30.i.1904 – Il-Banda La Vallette żżanżan bandalora rrakkmata tad-Ditta Boella ta' Turin bil-lasta tal-fidda xogħol ta' Pawlu Pace.

1904 – *Malta Taghna* 3.ix.1904 – Saret statwa tal-ġebel ta' S. Filippu Neri fi Triq S. Filippu l-Birgu, xogħol ta' Ċensu De Candia minn Ħal Tarxien.

1904 – *Malta Taghna* 10.xii.1904 – Statwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni mqiegħda mal-faċċata tal-Knisja ta' S. Barbara fi Strada Reale l-Belt b'inizjattiva tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni.

1905 – *Malta Taghna* 25.xi.1905 – Fil-Parroċċa tas-Salvatur, Ħal Lija, sar il-presbiterju u l-kanċell ta' l-irħam mid-Ditta Francesco Buhagiar però l-balavostri nġiebu lesti mill-Italja.

1905 – *Malta Taghna* 1.iv.1905 – Għall-Parroċċa ta' S. Marija fl-Imqabba nġieb orgni ġdid ta' Inzoli.

1905 – *Malta Taghna* 25.vii.1905 – Sar pedestal tal-fidda għall-Ostensorju għall-artal maġġur ta' S. Lawrenz, disinn ta' Fonzu Pace u mudell ta' Abram Gatt u importat mis-Sur Castaldi.

1905 – *Malta Taghna* 21.x.1905 – Għall-Knisja ta' S. Bastjan Ħal Qormi, Suban l-arloġġar tal-Birgu, ħadem arloġġ li kien esebit fil-Biblioteka.

1905 – *Malta Taghna* 18.ii.1905 – Il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu żżanżan uniformi tax-xitwa u standart tal-papa rrakkmat bid-deheb.

1905 – *Malta Taghna* 27.v.1905 – Għall-festi ta' S. Ġorġ f'Ħal Qormi sar planċier tal-banda sabiħ li ġie mżanżan billi fuqu daqqet il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu.

1905 – *Malta Taghna* 27.v.1905 u 25.xi.1905 – Għall-Parroċċa tas-Salvatur, Ħal Lija, jsir paviment ta' l-irħam fuq il-presbiterjiu mid-Ditta Buhagiar, waqt li l-balavostri nġiebu lesti mill-Italja.

1905 – *Mattew Callus* 30.ix.1905 – Sar kanċell tal-ħadid iddisinjat mal-bieb ewlieni tal-Knisja ta' S. Anna tas-Sorijiet Benedittini (S. Skolastika) l-Birgu.

1906 – *Il-Gzira ta' Malta* 28.iv.1906 – Għall-Parroċċa ta' S. Filep inġieb orgni ġdid minn Cremona tad-Ditta Inzoli.

1906 – *Il-Gzira ta' Malta* 4.viii.1906 – Għall-festa ta' S. Duminku tal-Belt kienu mżanżna lampier tal-fidda u opri oħra tal-fidda.

1906 – *Unione* 12.v.1906 – Ċensu Vassallo, 'Ta' Kristina', msemmi għax-xogħlijiet ta' relikwarji, għadu kemm lesta wieħed għal Lorenzo Darmanin.

1906 – *Malta Taghna* 10.ii.1906 – Isiru erba' anterni tal-fidda li nġiebu minn Franza għall-Knisja ta' S. Pawl, Ħal Safi.

1906 – *Malta Taghna* 17.ii.1906 – Xogħol fil-faċċata tal-Kor tal-Knisja ta' S. Publiju taħt il-Perit Grima.

1906 – *Malta Taghna* 31.iii.1906 – Tliet qniepen minn Genova għall-Knisja Parrokkjali ta' S. Pawl il-Baħar, donazzjoni tal-Markiża Bugeja.

1906 – *Malta Taghna* 12.v.1906 – Robert Canataci jaħdem lexxuna u serrieq tal-fidda għall-istatwa ta' S. Ġużepp ta' Birkirkara.

1906 – *Poplu Malti* 2.vi.1906 – Fil-Knisja Basilika tal-Karmnu, il-Belt, sar il-baldakkin ta' l-artal. Ħallas Lorenzo Cassar u x-xogħol sar fuq dik ta' Pio Cellini.

1907 – *Malta Taghna* 13.vii.1907 – Sar l-altar tar-Rużarju fil-Knisja ta' S. Gejtanu, il-Ħamrun, disinn ta' Galdes.

1907 – *Malta Taghna* 8.vi.1907 – Mastru Ċens Mercieca, Furjaniż, jaħdem is-suffett tal-Knisja ta' S. Franġisk ta' Puturjal tal-Belt. Id-dekorazzjoni saret minn Karmnu Ebejer, Rabti. Għamel l-Induratura Farrugia ta' Strada S. Cristoforo, il-Belt.

1907 – *Il-Poplu Malti* 27.iv.1907 – Saret statwa monumentali ta' l-irħam tal-Madonna tal-Kunċizzjoni f'Bormla (li llum tinsab quddiem il-knisja).

1907 – *Malta Taghna* 3.viii.1907 – Xogħol ta' dekorazzjoni fil-kappella S. Piju V, u fil-kappella ta' S. Katerina minn Siena, fil-Knisja tal-Portu Salvu, il-Belt. Dekorazzjoni ta' G. Schembri, induratura ta' Debono u Brincat ta' Strada Cristoforo, il-Belt.

1907 – *Malta Taghna* 28-31.viii.1907-19.x.1907 – Fil-Birgu sar pedistall mill-isbaħ tal-fidda, għal S. Duminku miġjub minn Fratelli Muscat tal-Belt. Disinn ta' Giov. Vella u Decelis, mudell ta' Fredu Azzopardi, Misidjan. Saret ukoll il-bradella sabiħa ta' Salvu Merilli, disinn ta' Decelis. Ħadmu fiha wkoll, l-aħwa Drago, Ġużè Agius u Mikiel Portelli.

1907 – *Malta Taghna* 19.x.1907 – Carlo Darmanin ħadem statwi tal-Madonna tar- Rużarju għal Ħad-Dingli, il-Mellieħa, Ħal Qormi, iż-Żurrieq, il-Qrendi, Ħal Kirkop, San Ġiljan, Tas-Sliema, il-Ħamrun, in-Naxxar u oħra għal Lixandra.

1907 – *Malta Taghna* 28.ix.1907 – Sett karti tal-glorji u gandlieri tal-fidda, għall-artal tad-Duluri fil-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu.

1907 – *Il-Poplu Malti* 24.viii.1907 – Sar sett gandlieri ta' Cellini għall-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu fl-artal tad-Duluri; nġiebu mid-ditta Gezzi.

1907 – *Malta Taghna* 22.vi.1907 – Il-kostruttur Bormliż ta' 24 sena, Mirabitur, lesta skuna ġdida ta' 180 tunellata.

1907 – *Malta Taghna* 18.v.1907 – Frans Sciortino jħejji pjanta għall-Knisja tan-Nadur Għawdex.

1907 – *Malta Taghna* 27.vii.1907 – Il-koppla taż-Żejtun tinħatt u tinbena mill-ġdid minn Karmnu Vella u Ġużè Zahra.

1908 – *Malta Herald* 13.viii.1908 – Fil-Knisja Kolleġġjata ta' S. Elena ssir il-pittura fis-soqfa mill-pittur V. Conti.

1909 – *Malta Taghna* 10.vii.1909 – Għall-Festi tal-Qalb ta' Ġesù fil-Birgu jsiru erba' anġli għal fuq il-presbiterju tal-Parroċċa ta' S. Lawrenz, tnejn adoraturi u tnejn bid-dwal, xogħol ta' Carlo Darmanin, u beda jsir xogħol fil-kisi bl-irħam tal-kursija.

1910 – *Malta Taghna* 15.v.1910 – Fil-Mosta saru l-kwadri tal-Via Sagra, disinn u xogħol kollu skultura ta' Toni Agius tal-Birgu.

1910 – *Malta Taghna* 23.vii.1910 – Sar palk għall-Banda King's Own tal-Belt, xogħol ta' Karmnu Teuma.

1910 – *The Malta Herald* 8.viii.1910 – Dwar il-pittura f'Birkirkara.

1910 – *Malta Taghna* 10/9/1910 – Għall-Knisja ta' S. Mark ta' l-Agostinjani tar-Rabat Canataci ħadem sett karti tal-Glorji tassew sbieħ.

1910 – *Malta Taghna* 4.vi.1910 – Għall-Parroċċa ta' S. Filep, Ħaż-Żebbuġ, inġiebu żewġ ventartali u terħa fl-artal tal-Karità.

1910 – *Malta Taghna* 16.iv.1910 – Fil-parroċċa ta' S. Publiju, il-Furjana, saret terħa rrakkmata fl-artal ta' S. Pawl Missierna u sar ukoll il-lampier tal-fidda għall-artal ta' S. Anna.

1910 – *Malta Taghna* 1.x.1910 – Fil-Knisja tal-Lunzjata, Vittoriosa, saru żewġ medaljuni bil-qaddisin, altorelievi, minn Sciortino, u tqiegħdu taħt il-gallerija ta' l- orgni.

1911 – *Poplu Malti* 12.viii.1911 – Bradella għal S. Ġużepp, Ħaż-Żebbuġ, xogħol ta' Lorenzu Zammitellu tal-Birgu.

1912 – Malta Taghna 3.viii.1912 – Sar labtu kollu rakkmu u filograno f'idejn il-Vara tal-

Madonna tal-Karmnu tal-Knisja tat-Tereżjani ta' Birkirkara, xogħol ta' Rosar Vassallo.

1912 – *Malta Taghna* 24.viii.1912 – Għal festa ta' Stella Maris, tas-Sliema, saru 6 anġli xogħol ta' Ġużè Cilia, skular ta' Darmanin. Saru wkoll 24 trofew, parti mill-armar fit-toroq.

1912 – *Malta Taghna* 6.iv.1912 – Sar is-salib tar-Redentur għal Ġesù Kristu Mgħobbi taż-Żejtun, xogħol ta' M. Dalmas u G. Baldacchino. Ta' min jgħid li dan Mosè Dalmas ħadem ukoll il-bradella ta' S. Ġużepp ta' l-istess parroċċa ta' S. Katerina fiż-Żejtun.

1912 – *Malta* 22,iv.1912 – Imfaħħra l-Iskola ta' l-Arti tal-Kottonera li kienet tinsab fil-Birgu.

1912 – *Malta Taghna* 8.vi.1912 – Fir-Rabat, il-bennej Pawlu Attard bena l-kampnar ġdid għall-Knisja ta' S. Mark ta' l-Agostinjani.

1912 – *Malta* 11.vii.1912 – Xogħol ta' kisi tal-faċċata tal-kappella ta' S. Gejtanu fil-Knisja ta' S. Pawl, il-Belt, xogħol li sar minn F.co Buhagiar ta' l-irħam.

1912 – *Malta Taghna* 24.viii.1912 – Għall-Banda King's Own saret bandalora rrakkmata fuq disinn ta' Briffa bi kruċċetta xogħol ta' Ninu Fenech.

1912 – *Malta Taghna* 14.ix.1912 – Dekorata bl-irħam il-kappella tas-Sagrament fil-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu mid-ditta Darmanin, mudelli ta' Xuereb u nduratura ta' Schembri.

1912 – *Malta Taghna* 8.vi.1912 – Sar il-kampnar għall-Knisja ta' S. Wistin fil-Belt Valletta mill-bennej Rabti Pawlu Attard.

1912 – Għall-Parroċċa ta' S. Katerina, iż-Żurrieq, sar il-kanċell tal-presbiterju ta' l-irħam, disinn ta' Rafel Baldacchino, xogħol tal-bronż ta' Aquilina u Torpiano.

1912 – *Gazetta di Malta* 17.ix.1912 – Fil-Parroccia Kolleġġjata ta' l-Għarb, Għawdex, sar orgni ġdid.

1912 – *Malta Taghna* 13,vii,1912 – Għax-Xewkija f'Għawdex statwi ta' S. Ġwann u S. Wistin ta' Wistin Camilleri. Il-kolonni ħadmuhom Pawlu u Toni fuq disinn ta' V. Busuttil. Dan Wistin Camilleri xi tliet snin qabel ħadem ukoll statwa ta' S. Tarċisju għas-Salesjani .

1912 – *Malta Taghna* 24.viii.1912 – Fl-Imqabba sar ostensorju tal-fidda minn Paolo Pace tal-Belt. Sar ukoll kunipew ta' Acireale minn fejn waslu wkoll standarti sbieħ tal-Banda King George V.

1913 – *Daily Malta Chronicle* 22.i.1913 – Il-Maġistrat Edgar Parnis, li kien President tal-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu, ħalla bosta ħwejjeġ antiki, kollezzjoni ta' muniti, mapep u inċiżjonijiet għall-Mużew Nazzjonali. (Tgħid għadhom jeżistu?)

1915 – *Malta Taghna* 9.i.1915 – Mastru Ġorġ Sammut ħadem il-funtana li saret quddiem il-Qorti (żmien ilu tneħħiet u llum tinsab fl-Argotti, il-Furjana) Dan ħadem ukoll artal sabiħ għall-knisja ta' Ħal Lija.

1914 – *Malta Herald* 26.v.1914 – Sejba ta' emblemi ta' l-irħam fil-Kastell Sant'Anġlu. (Fejn marru issa?)

1917 – *Malta Taghna* 31.iii.1917 – Standart ġdid għall-Banda l-Isle Adam.

1917 – *Malta Taghna* 12.v.1917 – Pisani, imlaqqam 'iz-Zigilon', fil-Menqa jlesti jott għall-Gvern tat-Tuneżija.

1917 – *Malta Taghna* 19.v.1917 – Għall-parroċċa ta' Ħal Lija sar baldakkin ġdid tal-lama rrakkmat bil-lasti tal-fidda minn P. Pace ta' Strada Forni l-Belt, disinn ta' Galdes u xogħol tas-sorijiet tal-Bon Pastur.

1917 – *Malta Taghna* 29.xii.1917 – Presepju artistiku fil-Birgu fil-palazz 13, Strada Irlandese, għand it-Terz Ordni tal-Kapuċċini.

1919 – *Malta Taghna* 5.iv.1919 – Benjamin Caruana mill-Birgu mexxa x-xogħol tad-dekorazzjoni tal-friż fil-parroċċa ta' S. Lawrenz. Miegħu ħadmu wkoll Ġużeppi Zahra (missieri) u G. Segona, missier il-Kanonku. Huwa ħadem ukoll l-iskultura għall-kappella ta' S. Ludoviku fil-Knisja tal-Kapuċċini S. Barbara jew S. Liberata. Kien hu li ħadem iż-żewġ statwi tal-ġebel taż-żewġ qaddisin diġà msemmija li jinsabu fil-faċċata tal-Knisja.

1919 – *Malta Taghna* 1.ii.1919 – Mikiel Gatt ta' Ħal Lija jsewwi l-orgni tal-Porto Salvu tal-Belt.

1919 – *Malta Taghna* 19.vii.1919 – Statwa ġdida ta' S. Pawl għal San Pawl il-Baħar, xogħol ta' Mallia minn Ħal Qormi.

1919 – *Malta Taghna* 2.viii.1919 – Statwa ta' San Franġisk għall-Knisja tas-Sacra Cuor tas-Sliema minn Mallia ta' Ħal Qormi.

1919 – *Malta Taghna* 29.iii.1919 – Saret bieba artistika tal-fidda għat-tabernaklu fl-artal tal-kappella tas-Sagrament fil-Parroċċa ta' S. Lawrenz, il-Birgu, disinn ta' Benjamin Caruana, xogħol ta' Pace ta' Bormla, rigal ta' Vince Vassallo.

1919 – *Malta Taghna* 16.viii.1919 – Saret kuruna ma' ras S. Liena minn Manwel Farrugia tal-Furjana.

1919 – *Malta Taghna* 5.iv.1919 – Fil-Knisja tal-Kapuċċini ta' S. Barbara, il-Kalkara, saret il-kappella ta' S. Ludoviku, xogħol ta' Benjamin Caruana, imżejna b'żewġ statwi mal-faċċata. L-artal ta' l-irħam sar minn Darmanin, il-Marmista.

1920 – *Malta Taghna* 12.vi.1920 – Fil-Birgu saret kolonna bi statwa tal-'Malta' li kienet tintrama fix-Xatt iż-żgħir. L-istatwa hi xogħol ta' Wistin Camilleri l-Għawdxi.

1920 – *Malta Taghna* 17.i.1920 – Fl-arzella tal-Knisja ta' S. Gejtanu, il-Ħamrun, saret il-pittura ta' Emilio Calì u benefattur Giov. Kirkop.

1920 – *Malta Taghna* 4.ix.1920 – L-ewwel ritratt imkabbar għal ġo kwadru kbir, għand id-Ditta Critien tal-Belt, juri l-bandisti flimkien mas-Surmast Giumarra tad-Duke of Edinburgh tal-Birgu.

1920 – *Malta Taghna* 15.v.1920 u 1.i.1938 – Toni Agius tal-Birgu ħadem l-opra artistika tassew sabiħa tas-sodda tal-Monument ta' Kristu mejjet. Hu l-istess awtur tal-Via Sagra fir-Rotunda tal-Mosta.

1920 – *Malta Taghna* 11.xii.1920 – Fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Marsa saru żewġ statwi minn Toni Zammit taż-Żurrieq, S. Antnin u S. Franġisk. (Issa jinsabu ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Kalkara).

1920 – *Malta Taghna* 16.i.1920 – Gilandra ġdida għall-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, xogħol ta' Toni Sapiano.

1921 – *Malta Taghna* 13.viii.1921 – Ġużeppi Calì jaħdem fil-pittura tal-Knisja ta' Porto Salvu tad-Dumnikani, il-Belt, waqt li x-xogħol tad-dekorazzjoni tas-saqaf kien f'idejn De Celis tal-Birgu.

1921 – *Malta Herald* 24.i.1921 – Fil-Parroċċa tas-Ss.ma Trinità, il-Marsa, sar orgni ġdid.

1923 – *Il-Habib* 15.i.1923 – Waslu Malta l-ewwel karozzi li kienu jiġru 20 mil fis-siegħa, għalhekk ħarġu regolamenti apposta.

1924 – *Malta Taghna* 12.vii.1924 – Sar salib tal-kleru tal-fidda għall-Knisja tas-Sacro Cuor, ta' Madiona. Saret ukoll ir-raġġiera għall-vara tat-titular tal-Madonna.

1924 – *Times of Malta* 3.x.1924 – L-ewwel ġebla tas-Santwarju tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem.

1924 – *Times of Malta* 12.ix.1924 – Saret koppla ġdida għall-Knisja ta' l-Annunzjata tad-Dumnikani fil-Belt Vittoriosa. Il-bennejja kienu l-aħwa Vella waqt li l-perit kien Gustav Soler tal-Birgu.

1924 – *Malta Punch* – Jirraporta li qed isir taraġ minn ġol-Barakka ta' Fuq, il-Belt, għas-Saluting Battery.

1924 – *Malta Taghna* 26.vii.1924 – Duminku Busuttil awtur tal-kappella tal-Madonna ta' Lourdes tal-Kapuċċini l-Furjana – huwa ħadem ukoll statwa ta' S. Ġorġ għal Ħal Qormi u kellu ħanut tax-xogħol fi Strada San Zakkarija, il-Belt.

1925 – *Il-Malti ta' Settembru* – Ġużè Gatt jikteb dwar statwi u niċeċ f'Malta.

1925 – *Malta Taghna* 28.iii.1925 – Sett qniepen ta' Barigozzi għal Mellieħa.

1925 – *Malta* 18.vii.1925 – Għall-parroċċa S. Publiju, il-Furjana, Abram Gatt ta' Bormla jieħu ħsieb disinn u mudelli ta' l-ostensorju u erba' gastri artistiċi kollha tal-fidda.

1926 – *Malta Times* 6.viii.1926 – Sar ċentru artistiku minn Emm Buhagiar li ġie mogħti lis-Soċjetà Filarmonica Duke of Edinburgh.

1928 – *Lehen is Sewwa* 19.ix.1928 – Anġlu Muscat ħadem statwa sabiħa ta' l-injam ta' S. Pawl Missierna.

1928 – *Lehen is Sewwa* 10.xi.1928 – Xogħol ta' pittura fil-knisja tal-Fontana f'Għawdex. Anġlu Muscat ħadem ukoll 12-il appostlu u żewġ statwetti oħra tal-Bon Pastur u l-Madonna.

1928 – *Malta Taghna* 11.viii.1928 – Għall-parroċċa ta' l-Imqabba saret il-bradella u l-pedistal tal-fidda għall-istatwa titulari ta' S. Marija Assunta fuq proġetti ta' Emm Buhagiar. Il-pedistall sar minn Abram Gatt.

1928 – *Malta Taghna* 2.vi.1928 – Sar pulptu sabiħ għall-Knisja Ta' Ġieżu tal-Belt, xogħol ta' Vince Vassallo u ta' Karmnu Grech tal-Birgu, bl-iskultura fuq disinn ta' Abram Gatt.

1928 – *Malta Taghna* 27.x.1928 – Għall-parroċċa ta' S. Andrija f'Ħal Luqa wasal is-sett qniepen ġodda.

1930 – *Malta Taghna* 6.ix.1930 – Saret bradella sabiħa għall-istatwa ta' Stella Maris maħduma minn Carabez ta' tas-Sliema u Bugeja tar-Rabat.




1931 – *Id Dawl* 16.x.1931 – Ġużè Gatt jikteb dwar is-snajja Maltin fl-ewwel snin ta l-Ingliżi f'Malta.

1931 – *Id Dawl* 13 u 27.xi.1931 – A. Cremona jikteb dwar il-Mastranza Maltija.

1931 – Fil-parroċċa ta' S. Gaetanu, il-Ħamrun, saret il-gallerija ta' l-orgni, xogħol ta' Carmelo Camilleri.

1936 – *Times of Malta* 7.ii.1936 – Louis Aveta mill-Imsida jorriġina makna li taqta' ż-żonqor.

1936 – *Lehen is Sewwa* 6.vii.1936 – Sar pulptu artistiku tassew sabiħ fil-knisja tas-Sacro Cuor tas-Sliema, opra ta' A. Muscat, F. Zarb u V. Sammut (Dnub li xi Superjur ta' din il-knisja żarmah minn fejn kien u warrbu f'rokna).

1938 – *Times of Malta* 13.viii.1938 – Jibda x-xogħol tal-ħatt tal-fran ta' l-Ordni fi Strada Forni, il-Belt, biex minflokhom isir il-blokk bini illum magħruf bħala 'Vincenti Buildings'.

1938 – *Berqa* 31.iii.1938 – Ġużè Gatt jikteb dwar l-Imgħallem tat-Tnax.

1938 – *Berqa* 4.ii.1938 – Ġużè Gatt jikteb dwar it-tnax il-perit f'Malta.

1938 – *Berqa* 15.viii.1938 – Tankred Borg jikteb dwar il-kwadru ta' S. Marija ta' Ħad-Dingli.

1938 – *Berqa* 5.ix.1938 – Tankred Borg jikteb dwar il-Knisja ta' S. Venera.

1938 – *Berqa* 6.ix.1938 – Tankred Borg jikteb dwar il-Knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt.

1938 – *Berqa* 9.viii.1950 – Il-Kan. G.M. Farrugia jikteb dwar l-ostensorju ta' S. Lawrenz tal-Birgu.

1938 – *Berqa* 30.xi.1938 – Jikteb Tankred Borg dwar statwi u s-sengħa tal-kartapesta f'Malta.

1938 – *Berqa* 1.xii.1038 – Statwa ġdida sabiħa tal-Beata Imelda ta' Marcio minn Bormla għall-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu.

1938 – *Il Malta* 17.xii.1938 – Dwar statwa ġdida S. Sebastjan Ħal Qormi.

***1938 – Malta Taghna 1.i.1938 u 27.xi.1937 – Fir- Rotonda tal-Mosta, saret il-Via Sagra xogħol ta' Toni Agius tal-Birgu.***

1938 – Ġużè Gatt, il-Mazzier tal-Katidral, ħadem it-tribuna għall-Kungress Ewkaristiku Djoċesan li sar fuq il-Fosos tal-Furjana.